Kunsill Lokali L-GĦASRI Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 62**

L-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Segretarju Eżekuttiv

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 · email: ghasri.lc@gov.mt · https://ghasrilc.gov.mt

**62.1 Talba**

62.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

**62.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

62.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**62.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

62.3.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 61 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

62.4.1 Premju Mara – is-Sindku jifraħ lis-Sinjura Marvic Attard Briffa tar-rikonixximent ta' Jum il-Mara li ngħata għall-ewwel darba din is-sena.

62.4.2 Ċirkulari numru SPI/SCI/01/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' xogħolijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-lokalita' madwar Malta u Għawdex – il-Kunsill iddeċieda li mhux ser japplika għal din l-iskema.

62.4.3 Ċirkulari numru SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema għal attivita' relatata fuq it-tagħrif dwar l-eżerċizzju fiżiku u fuq il-prattika tal-eżerċizzju fiżiku.

62.4.4 Ċirkulari numru SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjara – Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema.

62.4.5 Ċirkulari numru SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax għal din l-iskema.

62.4.6 Ċirkulari numru SPI/SCI/06/2024 – Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme* (CIES). Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema sabiex jimpjiega ħaddiem.

62.4.7 *Email* MGP Restoration Scheme for Gozitan Local Councils. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema għar-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Lunzjata peress li qed tiġġarraf.

62.4.8 *Email* mingħand Transport Malta rigward *Designated Restricted Area* f'Wied l-Għasri. Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-applikazzjoni

għandha timtela' bid-dettalji mniżżla fl-applikazzjoni tas-sena 2022 u mhux tas-sena 2023.

62.4.9 Ċirkulari numru PS 06/2024 - Opportunitajiet ta' Xogħol tas-Sajf 2024 għall-istudenti. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex ikun jista' jimpjiega student/a.

62.4.10 *Email* mingħand resident fejn informa li t-tifla ser tagħmel music video li jippromwovi Wied l-Għasri u jixtieq li jkun hemm xi tip ta' għajnuna mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jikkollabora.

62.4.11 *Email* mingħand TCTC – Proposta Sajf għat-Tfal fil-Komunita. Il-Kunsilliera qablu li għandu jinħareġ avviż biex jara jekk hemmx tfal interessati għal dan il-kors. Jekk ikun hemm biżżejjed tfal, tali kors ikun jista' jsir.

62.4.12 *Email* rigward il-Youth Ambassadors fi ħdan il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ avviż sabiex jara jekk hemm żgħażagħ interessati, jekk le fil-laqgħa li jmiss tiġi nominata persuna li tkun Youth Ambassador tal-Kunsill.

62.4.13 *Email* mid-DLG re Inspection Week fejn hemm xi affarijiet x'jitranġaw, fosthom xi bankijiet li għandhom injam imkisser. Il-Kunsilliera qablu li għandu jitqabbad mastrudaxxa sabiex jitranġaw dawn il-bankijiet.

**62.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

62.5.1 Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace saqsa f'hiex waslu x-xogħolijiet relatati mal-*playing field* Kenn tas-Salvatur. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntrattur għandu jiċċekkja rigward x'jonqos sabiex jitwaħħal meter tad-dawl apposta. Għandu jiġi kkuntatjat il-kuntratt tat-tapiti sabiex li hemm mqattgħin minħabba t-tibdil fis-sitema tad-dawl jinbidlu. Għandha ssir ukoll tabella li tindika r-regolamenti għall-użu tal-playing field.

62.5.2 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff saqsa rigward is-CCTV. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed jikkomunika mal-persuna nkarigata mit-Tenders u li jonqos xi dettalji mingħand l-Inġinier sabiex ikun jista' jibda l-proċedura tat-tender ralattiv għas-CCTV's.

62.5.3 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward il-formola relatata mal-varjazzjonijiet tal-kuntratt ta' Triq Wied Sara. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-perit inkarigat mill-proġett kien fadallu jirranġa xi punti u jagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa.

62.5.4 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff semma' l-bżonn ta' *patching* fi Triq il-

Qadima. Il-Kunsill qabel.

**62.6 Is-Sitwazzjoni ta' l-għeluq sena finanzjarja 2023**

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għad fadal ħafna x'jitlesta sabiex tingħalaq is-sena finanzjara 2023 u li mhux qed ikun hemm koperazzjoni sħiħa min-naħa tal-accountant. Il-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet mingħand Paul J. Mifsud, Antoinette Curmi u Daniel Galea li huma nteressati li jaħdmu mal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għalhekk għandu jitqabbad Daniel Galea bħala accountant sabiex ikun hemm kollox up-to-date.

**62.7 Materji Oħra**

62.7.1 Il-Kunsilliera qablu li rigward l-*insurance* tal-*Electric Pedal Cycles*, għandhom jiġu nxurjati mill-Kunsill dejjem jekk tali insurance ma tkunx aktar minn mitt ewro.

62.7.2 Resident informa li hemm bżonn jarda u nofs ramel fejn il-farmhouses f'Wied il-Mielaħ. Din ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill. Għandha tintbagħat talba lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

62.7.3 Resident ġibed l-attenzjoni li s-sena l-oħra kienet ġiet proposta laqgħa sabiex titranġa t-triq ta' faċċata tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jinħareġ avviż sabiex issir laqgħa mar-residenti sabiex jiġu esplorati l-problemi li hemm u jekk tali triq tistax issir.

62.7.4 Residenta fi Sqaq ta' Wara ta' Għammar talbet li jsiru xi pots fl-istess sqaq. Il-Kunsilliera ma qablux li għandhom isiru dawn il-pots.

**62.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

62.8.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-59.

**62.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' April, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati l-Ġimgħa 19 ta' April 2024

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**